**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru: 266/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chantelle Casha)**

**vs**

**Annabelle Camilleri**

**Illum 20 ta' Jannar 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

"**Annabelle Camilleri**, detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 311185M;

"U nakkuzaha talli f'Ottubru 2017 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer Maltin b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe':

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt xi haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh bi hsara ta' haddiehor ghad-detriment ta' MCabs Limited lokata l-Fgura u/jew James Marshall ID: 179058(M) minn Marsascala u/jew xi persuni ohra bi ksur tal-artikolu 308, 310(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar fl-istess zmien u cirkustanzi talli bi hsara ta' haddiehor, ghamilt xi qligh iehor, b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel dan is-sub-titolu ghad-detriment ta' MCabs Limited lokata l-Fgura u/jew James Marshall ID: 179058(M) minn Marsascala u/jew xi persuni ohra bi ksur tal-artikolu 309, 310(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess zmien u cirkustanzi kienu fil-pussess ta' jew kellek taht il-kontroll tieghek xi oggett ghall-uzu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi bi ksur tal-artiklu 310BA(1)(2)(a)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli approprajt ruhek, billi dawwart bi profitt ghalik jew ghall-persuni ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' MCabs Limited lokata l-Fgura u/jew James Marshall ID: 179058(M) minn Marsascala u/jew xi persuni ohra bi ksur tal-artikolu 293 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli ksirt il-provediment tas-sentenza moghtija lilek nhar is-16 ta' Gunju 2015 fil-Qorti tal-Magistrati Malta (Mgt. Dr. C. Peralta LLD) liema sentenza giet defittiva u ma tistax tinbidel;

6. U b'hekk irrendejt ruhek recidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kas ta' sejbien ta' htija tapplika l-artikoli 23 u 23A tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz ai termini tal-Artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat li waqt l-udjenza tad-29 ta' Mejju, 2019 l-imputata wiegbet li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda kollha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tas-07 ta' Lulju 2020[1].

Rat *is-social inquiry report* Dokument SF[2].

---

[1] A folio 201 tal-process.
[2] A folio 175 sa 200 tal-process.

Rat in-nota tal-Ufficcjal tal-Probation bhala estensjoni tas-*Social Inquiry Report*[3].

Semghet sottomissjonijiet orali ulterjuri tal-partijiet fis-seduta tat-30 t'Ottubru 2020[4].

Rat il-fedina penali ta' l-imputata.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2019[5] l-kwerelant informa lill-Qorti li ma ghandux aktar interess fil-proceduri u li hafer lill-imputata u dan wara li l-istess kwerelant gie imhallas minn membri tal-familja ta' l-istess imputata kif effettivament irrizulta mid-dokument li jinsab a folio 156 tal-process u mis-*social inquiry report*.

Minkejja tali dikjarazzjoni tal-parte civile, liema dikjarazzjoni giet fi stadju avvanzat tal-kawza u cioe' wara li kien lahaq xehed l-istess kwerelant u l-ufficjali tal-pulizija, u in oltre, liema dikjarazzjoni giet biss wara hlas lilu mill-genituri ta' l-imputata, l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tghaddi sabiex tifli l-provi prodotti u tghaddi sabiex tiddeciedi wara li tiehu in konsiderazzjoni kollox stante li huwa dover taghha li tipprotegi lis-socjeta' in generali minn persuni li jipruvaw jiehdu vantagg minnhom u dan in vista tal-fatt li din il-Qorti ma hijiex

[3] A folio 207 tal-process.
[4] A folio 213 tal-process.
[5] A folio 157 tal-process.

konvinta li l-imputata genwinament trid tohrog mill-problema. Mill-fedina penali jirrizulta li fis-snin 2009, 2011 u 2014 fost ohrajn hija kienet mixlija b'uhud mir-reati li gew lilha addebiti fil-kaz de quo u minkejja li inghatat diversi opportunitajiet sabiex tirriforma ruhha, l-Qorti hija tal-fehma li l-imputata ma ghandhiex rieda tajba u mhijiex affidabbli u dan anke kif gie kkonfermat fost ohrajn minn Mary Rose Farrugia fil-vesti taghha ta' Ufficjal tal-Probation.

## Ikkunsidrat:

## Il-Provi

Illi **PS 1257 Conrad Ellul** xehed[6] li nhar it-2 ta' Gunju tas-sena 2017 s-sur James Marshall kien ghamel rapport fl-ghassa ta' Rahal Gdid fejn qal li s-sinjura Annabelle Camilleri kienet naqset milli thallas il-kirja tal-karozza. Din il-kirja kienet ilha ghaddejja mill-11 ta' Jannar tas-sena 2017 u kienet tithallas permezz ta' bank transfer kull xahar. Ix-xhud kompla jghid li skont is-Sur James Marshall, Annabelle Camilleri ma hallsitx il-kirja nhar it-2 ta' Mejju tas-sena 2017 u bdiet iggib hafna skuzi. Spjega li fit-3 ta' Gunju tas-sena 2017 irnexxielu jaghmel kuntatt ma' Annabelle Camilleri fejn talabha biex tmur l-ghassa izda hi qalet li kienet qeghda Ghawdex. Kompla li aktar tard hu u l-Ispettura Chantelle Casha kienu irnexxilhom ikellmu lill-imputata filwaqt li pprezenta r-rapporti[7] li ghamel s-sur James Marshall.

Xehed[8] **Stephen Cachia** in rapprezentant ta' Transport Malta li spjega li mir-ricerka li ghamel dwar il-karozza b'registrazzjoni VMK-149, irrizulta li din il-vettura kienet registrata fuq isem Keith Marshall

[6] A folio 30-32 tal-process
[7] A folio 33-37 tal-process
[8] A folio 38-39 tal-process.

detentur tal-karta ta' l-identita' 90290M ghan-nom ta' MCabs Limited. Spjega li tali vettura hija ta' l-ghamla *Peugeot 207* ta' kulur griz u kienet ilha registrata mis-17 ta' Frar tas-sena 2012. Ix-xhud tenna li l-licenzja thallset fl-24 ta' Dicembru tas-sena 2018 u sar VRT fuq il-vettura nhar is-16 ta' Settembru tas-sena 2018 ghand *Lourdes Service Station*.

Fid-29 ta' Mejju, 2019 xehed **James Marshall**[9] in rapprezentant tal-kumpanija MCabs Limited spjega li fil-11 ta' Jannar tas-sena 2017 huwa kera karozza b'kirja li tintemm fil-5 ta' Frar tas-sena 2017 ghal valur ta' €400 b' depozitu ta' €500 sabiex jaghmlu tajjeb ghall-hsarat li jistghu jinqalghu. Dawn il-flus thallsu b'mod kontanti. Ix-xhud kompla jghid li s-sinjura Annabelle Camilleri riedet testendi il-kirja, liema kirja hu kien qalilha li ser tiswa €472 fix-xahar li kellha tithallas il-bank. Spjega li l-kirja thallset l-ahhar fit-13 ta' April tas-sena 2017 liema hlas kien ikopri l-kirja sal-5 ta' Mejju tas-sena 2017, wara liema data ma gara xejn izjed "hlief battibekk biex nipprova nintracca".

Ix-xhud spjega li meta qata' qalbu huwa rrikorra l-ghassa tal-Pulizija gewwa Rahal Gdid fit-2 ta' Gunju 2017 fejn informa li l-vettura kien qieghed jaraha Marsascala, f'post li skond l-istess xhud ma kellu ebda relazzjoni ma' l-indirizz moghti lilu mill-imputata. Spjega li meta huwa kien jibghat kontijiet fl-indirizz moghti mill-istess imputata, dawn ma kienux qed jaslu minhabba li hadd bl-ID taghha ma kien qieghed joqghod hemm. Tenna li darba lemah il-vettura u mar ghall-ghajnuna tal-pulizija sabiex jiehu lura l-vettura mikrija lill-imputata izda gie nfurmat li ma jistax jiehu l-vettura minghajr l-awtorizzazzjoni ta' l-istess imputata. Spjega li kien ghalhekk li fil-5:30am huwa mar hdejn il-vettura jistenna lill-imputata hierga izda malli harget din dahlet fil-

[9] A folio 46 tal-process.

karozza u telqet u ftit tal-hin wara hija baghtet message lill-kwerelant fejn qaltlu biex iqabbad avukat tajjeb ghax kellha 3 xhur tqala u korriet minhabba fih. Huwa kompla jghid li gew ikkagunati wkoll hsarat fil-vettura tant li kellha daqqa mal-bieba u qatt ma giet iccekjata minn xejn, ilma u affarjiet ohra tant li kellhom izommuha ghal tul ta' zmien sabiex iduruha sew.

Ix-xhud spjega li l-imputata kellha kont pendenti ta' tlett elef u sitt mija u sbatax il-Ewro (€3,617) rapprezenanti elfejn u disa' mija u sitta u ghoxrin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€2,926.38c) kiri ta' karozza, mitejn u ghaxar Ewro u disgha u sittin centezmu (€210.69c) citazzjonijiet u erba' mija u tmenin Ewro (€480) hsarat fuq il-vettura, filwaqt li tenna li l-ahhar pagament li sar kien ta' erba' mija u tnejn u sebghin Ewro (€472) li jkopri l-kirja sa l-ahhar ta' Mejju 2017.

Tenna li baghtilha diversi kontijiet u lkoll baqghu ma thallsux sakemm imbaghad ha lura l-vettura fis-6 ta' Novembru, 2017.
Ix-xhud prezenta diversi dokumenti li jsostnu x-xhieda tieghu mmarkati JM1 sa JM27[10].

Huwa rega' xehed fid-19 ta' Lulju 2019 fejn ipprezenta stima tal-hsarat fil-vettura Dokument JM29[11]
Xehdet **WPS 269 Miriam Lia[12]** nhar id-19 ta' Lulju, 2019 fejn spjegat li fl-1 ta' Novembru 2017 hija kienet xoghol gewwa l-ghassa ta' Rahal Gdid u fid-9:30 kien mar jirraporta James Marshall ghan-nom tal-kumpanija M Cabs Limited li l-kumpanija kriet vettura lill-imputata fil-11 ta' Jannar 2017 u li ma rritornatx l-istess vettura. Xehdet li giet infurmata minn James Marshall li l-vettura kien qieghed jaraha tinstaq

[10] A folio 60 sa folio 132 tal-process.
[11] A folio 154 tal-process.
[12] A folio 146 tal-process.

u ghalhekk ghamel diversi rapporti gewwa ghasses differenti. Kompliet tghid li hija ghamlet komunikazzjoni ma' l-imputata sabiex tmur l-ghassa izda infurmata li ma tistax stante li ghandha vista l-isptar u meta mistoqsija dwar il-vettura, din ta' l-ahhar infurmata li qieghda f'garage gewwa Ghawdex. Ziedet tghid li kien ghalhekk li hija ghaddiet informazzjoni lill-ispettura sakemm instabet il-vettura. Hija esebiet ir-rapport relattiv immarkat Dokument ML[13].

Permezz ta' nota prezentata fil-21 t'Ottubru 2019[14] huwa ddikjara li rceiva l-hlas dovut u ma fadallux interess fil-proceduri.

Nhar it-22 ta' Jannar, 2020 l-**iSpettur Chantelle Casha** u esebiet zewg sentenzi fil-konfront ta' l-imputata, Dok. X1 u X2[15].

Xehdet l-Ufficcjal tal-Probation **Sharlet Fabri**[16] li esebiet ir-rapport taghha Dokument SF[17], b'diversi dokumenti annessi. Fit-23 ta' Lulju 2020 hija esebiet ukoll Nota ta' estensjoni tal-imsemmi rapport[18].

## Gurisprudenza u Principji Legali Applikabbli

### <u>L-ewwel u t-tieni imputazzjoni</u>

Illi fl-ewwel imputazzjoni l-imputata hija akkuzata li b'mezzi kontra l-ligi qarrqet u ngannat sabiex taghmel qliegh bi hsara ghal haddiehor, skond l-Artikoli 308 u 310(1)(b) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ghal kull buon fini, taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** fil-kawza fl-ismijiet Il-

[13] A folio 149 tal-process.
[14] A folio 155 tal-process.
[15] A folio 161 u 164 tal-process rispettivament.
[16] A folio 174A tal-process.
[17] A folio 175 sa 200 tal-process.
[18] A folio 207 tal-process.

**Pulizija v Mark Schembri** fejn hemm dettaljatament deskritt l-origini ta' dan ir-reat fis-sistema nostrana kif ukoll dettalji estensivi dwar l-elementi rikjesti mill-ligi taghna sabiex jigi ntegrat ir-reat ta' truffa.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Donald Vella** moghtija mill-Qorti tal-Magsitrati kif diversament presjeduta nhar il-5 ta' Awwissu, 2014, il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet a bazi ta' dak gja deciz:

*"Skond il-gurisprudenza kostanti li din il-Qorti kif preseduta taqbel maghha, l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa huma dawn li gejjin:*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd inkluz l-imputat.*

*Fit-tieni lok il-legislatur aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali ndividwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggiri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti ddelitt ta' truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor, u*
*e. ingann, jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esiztenza ta' intraprizi foloz*

*g. jew ta' hila*

*h. setgha fuq haddiehor, jew*

*i. ta' krediti mmaginarji, jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

Dwar l-artifizji hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna. L-Imhallef William Harding fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nikola Bonnici** deciza fis-sebgha u ghoxrin ta' Mejju, 1944 jghid:-

"il-Qorti t' isfel fis-sentenza taghha...waslet ghal konkluzzjoni li hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti tal-iffrodat".

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Cassar Parnis** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru, 1959, il-Qorti segwiet l-istess interpretazzjoni hekk:

*"Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322 (illum 308) tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata hemm bzonn li tirrizulta materjalita specifika li sservi ta' supstrat ghal verosimiljanza tal-falzita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghall-finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur".*

**L-Artikolu 309** jistipula s-segwenti:

*"Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħorb'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa.".*

Illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni dik ta' frodi innominata, skond l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati qalet hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra** deciza fit-2 ta' Frar 2011:

*"Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghall-kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana r-reat isofri xi telf patrimonjali."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmela German**, il-Qorti ta'l-Appell Kriminali rriteniet: "In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li:

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (**Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim**., 20/6/97; ara wkoll **Il Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim**., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti f'illi l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (**Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim**., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'"raggiri o artifizi"– dak li fid-*

*dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn,* ***Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim****., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137****; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim****., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara* ***wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim****., 3/3/56)."*

*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment minn naha l-ohra.*

**Il-kaz in ezami**

Illi, abbraccjati dawn il-principji u insenjamenti, fil-kaz in ezami mill-provi rrizulta car li l-imputata riedet tqarraq bil-kwerelant meta hija baqghet twieghdu li ser tghaddilu l-hlas fost gideb iehor u hu appuntu ghalhekk li dan ir-reat jirrizulta l-ghaliex il-vittma dak il-hin haseb li kien ser jithallas ghas-servizz provdut minnu lill-imputata u cioe l-kiri tal-karozza. Il-Qorti tinnota li sussegwentament u meta l-kwerelant prova jirkurpa lura l-vettura, l-imputata ghamlet minn kollox sabiex dan ma jirnexxilux. Din il-Qorti ma ghandiex dubju li l-imputata kienet koxxenti ta' dak li qed taghmel u agixxiet intenzjonalment sabiex tiddefroda u tqarraq bil-vittma.

Illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala imputazzjoni alternattiva sabiex tigi applikata f'kaz li r-reat ma jaqax taht l-ewwel imputazzjoni u ghalhekk filwaqt li tirrileva li l-ewwel imputazzjoni ma gietx ippruvata b'dana li l-imputata ghandha tigi liberata minnha, il-Qorti qieghda ssib l-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

Illi t-tielet imputazzjoni hi dik ravvizata bl-artikolu 310BA tal-Kodici Kriminali, introdott bl-Att XXIV tal-2014:

*310BA. (1) Kull jinstab fil-pussess ta' jew ikollu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġett għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa tliet snin u l-konfiska ta' dawk l-oġġetti.*

*(2) Kull minn jagħmel, jaddatta, jipprovdi jew joffri li jipprovdi xi oġġett*
*(a) meta jkun jaf li dak l-oġġett huwa intiż jew adattat biex jintuża fit-twettiq ta' jew f'konnessjoni ma' frodi, jew*
*(b) bl-intenzjoni li jintuża biex titwettaq frodi jew jassisti fl-għemil ta' frodi, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, priġunerija għal żmien minn tnax-il xahar sa ħames snin u l-konfiska ta' dawk l-oġġetti.*

*(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:"oġġett" jinkludi kull dokument, programm jew data miżmuma b'mod elettroniku; u"dokument" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha bl-artikolu 558(2.)*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta' Frar 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs**

**David Paris** inghad li l-artikolu 310BA tal-Kodici Kriminali gie mfassal kwazi kelma b'kelma fuq sections 6 u 7 tal-Fraud Act 2006:

*Fil-passat il-mens rea li kellha tigi pruvata ai finijiet tal-artikolu 310BA (1)(2) - li jirrispekjaw Sections 6 u 7 - kienet dik l-intenzjoni generika li jsir att frawdolenti:*

*Section 7 makes it an offence to make, adapt, supply or offer to supply any article knowing that it is designed or adapted for use in the course of or in connection with fraud, or intending it to be used to commit or facilitate fraud. For example, a person makes devices which when attached to electricity meters cause the meter to malfunction. The actual amount of electricity used is concealed from the provider, who thus makes a loss.*

*Illi l-Crown Prosecution Service toffri dawn in-noti spjegattivi:*

*Making or supplying articles for use in frauds (Section 7)*

*The defendant:*

- *makes, adapts, supplies or offers to supply any article;*
- *for use in the course of or in connection with fraud;*
- *knowing that it is designed or adapted for use in the course of or in connection with fraud (Section 7 (1) (a)) or*
- *intending it to be used to commit or assist in the commission of fraud (Section 7 (1) (b).*

**Il-kaz in ezami**

Illi a bazi ta' dan l-insenjament, mill-provi prodotti din l-imputazzjoni ma tirrizultax soddisfacentement ippruvata. Filwaqt li huwa minnu li l-vettura inzammet mill-imputata sabiex tiffroda u tqarraq bil-vittma, ma gewx sodisfatti l-elementi rikjesti li jsawru dan ir-reat. Illi ghalhekk l-imputata ghandha tigi liberata minn din it-tielet imputazzjoni.

**<u>Ir-raba Imputazzjoni</u>**

Illi r-reat t'approprjazzjoni indebita huwa regolat bl-artikoli 293 tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi hekk:

*"Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar: Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti."*

Dan ir-reat gie discuss diversi drabi mill-qrati taghna. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona** deciza fil-15 ta' Frar 2017, il-Qorti rriteniet is-segwenti:

*Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:*

*1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi*

*specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.*

*2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe ta-lproprjeta ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.*

*3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

*4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha jew jbiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

*5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm d-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprjazzjoni ndebita.*

Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** nhar l-5 ta' Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ali Abdulla Bakush** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat jdawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero jidher car li l-kuncett kollu tal-approprjazzjoni ndebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li persuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiehor, liema haddiehor

ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-artikolu 293 tal-Kodici taghna.

Illi l-elementi ta' dan ir-reat gew diskussi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joanne Scibberras** fejn giet ikkwotata is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Abela** deciza mill-Qorti tal-Magsitrati fis-6 ta' Lulju 2016 fejn intqal illi:

*"Għar-rigward tar-reat ta' miżappropriazzjoni referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni****, fejn il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan i-rreat: "Dana r-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b' mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor." ... Ir-reat ta' approprjazzjoni indebita jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq ghax l-oggett li jkun jigi moghti lill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta' jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu wkoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent.".*

**Il-kaz in ezami:**

Illi dan ir-reat gie ppruvat mill-prosekuzzjoni tant li James Marshall xehed li l-vettura giet mikrija ghall tlett gimghat u wara tlett gimghat huwa prova jikkomunika ma' l-imputata sabiex tirritorna l-vettura. Sussegwentament din ta' l-ahhar insistiet li zzomm il-vettura izda fit-tul u giet infurmata li kull xahar kellha thallas is-somma ta' Eur472 fix-xahar u darba fix-xahar hija kellha tiehu l-vettura l-garaxx taghhom ghal *routine maintenance*. Il-Partijiet ftehmu li l-kirja kienet tiggeded

kull xahar tant li l-invoices kienu qieghdin jinhargu ghal xahar zmien. Spjega li l-ahhar pagament kien fit-13 ta' April 2017 fis-somma ta' Eur472 ghal kirja tal-vettura sal-3 ta' Mejju, 2017. Kompla jghid li wara dak ix-xahar huwa ghamel diversi tentattivi sabiex jiehu lura l-vettura.

Il-Qorti tinnota li invoices baqghu jinhargu tant li gew prezentati fix-xhieda ta' James Marshall. Mandankollu l-Qorti tinnota li l-invoices saru sabiex ikollhom d-dokumentazzjoni fis-sistema.

Ma hemmx dubju li l-imputata abbuzat mill-pozizzjoni taghha u minkejja li kienet konxja tal-fatt li kellha tigi ritornata l-vettura u multo magis, minkejja li kienet taf ben tajjeb li James Marshall ghan-nom tal-kumpanija kien qieghed jaghmel minn kollox sabiex jirkupra l-vettura tant li a folio 48 et seq huwa spjega li meta kien sab il-karozza gewwa Marsaskala, huwa kien mar fil-5:30 ta' filghodu u tkellem maghha izda xorta rrifjutat li tghaddi l-istess vettura lura lis-sid tant li kien biss fis-6 ta' Novembru 2017 li ha lura l-vettura minghand is-surgent ta' l-ghassa taz-Zurrieq.

**<u>Il-Hames u Sitt Imputazzjoni – Recediva</u>**

Illi gew esebiti zewg sentenzi moghtija mill-Qorti kif diversament presjeduta. Mandanakollu din il-Qorti ser tiehu biss in konsiderazzjoni sentenza wahda u cioe dik moghtija mill-Magistrat Dr. Carol Peralta tas-16 ta' Gunju, 2015 stante li it-tieni sentenza li giet esebita ma fihiex id-data ta' meta inghatat  u ghalhekk ma tistax tistabilixxi jekk ir-reati de quo gewx ezegwiti fil-perjodu li hija giet obligata ma taghmilx reat iehor.

Madanakollu, il-Qorti tinnota li s-sentenza tas-16 ta' Gunju, 2015 fiha il-konnotati tal-imputata u ghalhekk l-addebitu tar-recidiva gie soddisfacentement pruvat ukoll.

**Decide**

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora d-dikjarazzjoni tal-parte civile. Madanakollu lanqas ma tista' tinjora l-interess pubbliku. Il-Qorti fliet il-fedina penali kulurita tal-imputata li minkejja li inghatat diversi opportunitajiet sabiex tirriforma ruhha baqghet tinsisti f'dan l-istil tal-hajja u ma uzatx tali opportunitajiet sabiex tirrijabilita ruhha.

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda ssib lill-imputata mhux hatja ta' l-ewwel u tat-tielet akkuzi filwaqt li ssibha hatja tat-tieni, tar-raba, tal-hames u tas-sitt akkuza u wara li rat l-Artikli 49, 50, 289, 293, 309 u 310 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u in vista tal-fatt li l-vittma giet imhallsa qieghda izzomm il-piena fil-minimu taghha u tikkundanna lill-imputata kumplessivament ghal tlett snin prigunerija effettiva.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur